MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2007

Talba Numru. 377/2006

**Alfred Mallia Milanes**
**(ID 750447M)**

**vs**

**Malta Tourism Authority**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta` April, 2006 fejn intalab li l-Awtorita` konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta` elf, tliet mija u disgha u erbghin lira, tnejn u disghin centezmu (Lm1,349.92) rapprezentanti hlas dovut ghal xoghol u spejjez konnessi ma` l-inkjesta interna esegwita fuq inkarigu ta` l-awtorita` konvenuta.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra legali tad-29 ta` Jannar, 2005 u ta` l-ittra ufficcjali tas-26 ta` Ottubru, 2005 u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-risposta ta` l-Awtorita` konvenuta datata 1 ta` Gunju, 2006 fejn eccepiet illi l-inkarigu kien gie moghti fil-kors ta` l-ingaggjar ta` l-istess attur fuq retainer bhala konsulent fuq Relazzjonijiet Industrijali. Illi r-rapport tieghu kien gie pprezentat minnu ftit taz-zmien wara li l-konsulenza tieghu kienet giet terminata. Illi l-partijiet qatt ma kienu ddiskutew ir-rati li kien ser jahdem bihom l-istess attur. Illi ghalhekk it-talbiet ghandhom jigu michuda. B'riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti.

Sema` t-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi jidher li ma tantx hemm wisq kontestazzjoni bejn il-partijiet fir-rigward tal-fatti meritu tal-kaz odjern.

Huwa fatt pacifiku li l-attur kien ingaggjat b'retainer ma` l-Awtorita` konvenuta in konnessjoni ma` materja li ghandha x'taqsam fuq Relazzjonijiet Industrijali.

Huwa fatt pacifiku wkoll illi waqt il-kors ta` dan l-ingagg l-attur inghata inkarigu iehor sabiex jaghmel stharrig u jhejji rapport dwar suspett ta` leakages interni.

Illi huwa fatt pacifiku wkoll li dan l-inkarigu ma kellu x'jaqsam xejn ma` l-ingagg b'retainer li l-attur kellu ma` l-Awtorita` konvenuta. Fil-fatt kuntrarjament ghal dak li jintqal fl-affidavit tieghu, l-istess Leslie Vella in kontroezami jikkonferma illi fil-kuntratt tar-retainer Dok AMM1 "ma hemm l-ebda klawsola li titkellem f'dan is-sens".

Illi huwa fatt pacifiku wkoll li xi sena qabel l-attur kien ghamel speci ta` inkjesta simili u li ma kienx ippretenda flus minghand l-Awtorita` konvenuta.

Illi huwa fatt pacifiku wkoll li l-Awtorita` konvenuta ma kellha ebda riserva sabiex thallas lil Antoine DeGiovanni,

persuna li hadmet ma` l-istess attur, fuq l-inkjesta meritu tal-kaz odjern.

Illi huwa fatt pacifiku wkoll li l-attur qeda bis-shih l-inkarigu lilu moghti ghas-soddisfazzjoni ta` l-Awtorita` konvenuta.

Illi jidher li l-unika divergenza bejn il-partijiet jinsab fil-fatt li l-Awtorita` konvenuta assumiet li l-attur ser jerga` jahdmilha minghajr ma jippretendi hlas la darba kien gia` ngaggjat maghha taht ir-retainer u f'kaz li kien bihsiebu ser jithallas ghal dan ix-xoghol apparti, kien jispetta lill-istess attur li jinforma dwar dan lill-Awtorita` konvenuta sabiex jaraw jiftiehmux fuq ir-rati qabel ma jibda` l-inkarigu tieghu. Illi ghalhekk ghandu jirrizulta li dan il-kaz kollu nqala` fuq semplici assunzjoni erroneja maghmula mill-Awtorita` konvenuta liema assunzjoni saret kemm minhabba dak li kien gara fil-passat ma` l-istess attur fuq ingagg simili u kif ukoll minhabba nuqqas ta` komunikazzjoni cara bejn il-partijiet fuq it-termini ta` l-istess ingagg. Iz-zewg partijiet hadu lil xulxin “for granted” anke minhabba r-relazzjoni tajba u mill-qrib li kellhom ma` xulxin.

Illi ghalhekk ma hemmx dubbju li l-attur huwa ntitolat li jithallas tax-xoghol li huwa ghamel fuq din l-inkjesta kif ingaggjat mill-Awtorita` konvenuta.

Illi dwar il-kwantum mitlub jinghad li skond l-ittra mibghuta mill-Awtorita` konvenuta datata 10 ta` Dicembru, 2004 Dok AMM5, jidher li l-Awtorita` ma hiex qieghdha tilmenta mir-rati adoperati mill-attur per se izda kellha r-riservi taghha li l-attur jigi mhallas ghal dawk is-sighat li huwa hadem li kienu jaqghu waqt il-kors tar-retainer tieghu. Fil-fatt offrewlu li jhallsuh ghal dak il-perjodu in segwitu tat-terminazzjoni ta` l-ingagg tieghu filwaqt li jidher li lil DeGiovanni l-Awtorita` konvenuta fil-fatt halsitu bir-rata kwotata  mill-attur. Illi t-Tribunal huwa tal-fehma li tali ragunament huwa zbaljat peress illi rrizulta car u tond li l-ingagg il-gdid li nghata kien fuq meritu li jmur ‘l hinn mill-kuntratt ta` konsulenza li kellu maghhom u kwindi l-attur huwa ntitolat li jithallas apparti ghal dan l-inkarigu. Illi ma hiex skuza li jinghad il ghaliex ma kienx ippretenda hlas

qabel u anqas ma hi skuza jinghad il ghaliex ma kienux tkellmu fuq rati. It-Tribunal jippretendi li l-Awtorita` konvenuta kien imissha kienet serja bizzejjed li meta tigi biex titlob ingagg simili u ta` materja tant delikata. Hija kien imissha rat waslet minn qabel ma` l-attur fuq it-termini ta` l-ingagg u mhux toqghod tistrieh fuq certa familjarita` zejda li gia` kellha ma` l-attur. Dan il-fattur jassumi portata aktar serba meta jigi notat li l-ingagg kien inghata lill-attur wara li kienu gia` batulu l-ittra ta` avviz ta` terminazzjoni tar-retainer tieghu.

Ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, t-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jichad l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-Awtorita` konvenuta, kwindi tilqa` t-talba attrici u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lill-istess Awtorita` konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma mitluba ta` elf, tliet mija u disgha u erbghin lira, tnejn u disghin centezmu (Lm1,349.92) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta` din is-sentenza u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------